**59. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi hu maħsub fis-subartikolu (8) tal-artikolu 3 ta' l-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, illi kull dikjarazzjoni magħmula mill-Ministru li biha art Malta tiġi dikjarata Area għall-Iżvilupp tal-Bini, u adottata jew approvata mill-Kamra, tista' tiġi emendata jew revokata b'dikjarazzjoni oħra magħmula mill-Ministru u illi d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7) ta' dak l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dikjarazzjoni magħmula taħt dak l-imsemmi subartikolu (8) tal-artikolu 3;

U billi b'riżoluzzjoni mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 258 tat-18 ta' Ġunju, 1985, il-Kamra approvat dikjarazzjoni tal-Ministru responsabbli għax-Xogħlijiet li biha, fost oħrajn, l-artijiet hawn taħt imsemmija:

**MALTA**

1. Limiti ta' Ħad-Dingli - (Ix-Xagħra l-Kbira, Tal-Veċċa)
2. Limiti ta' Ħal-GĦaxaq - (Tal-Wilġa)
3. Limiti tal-Kalkara - (Tal-Kapuċċini)
4. Limiti ta' l-Imġarr - (L-Iskorba)
5. Limiti ta' St Andrews - (Il-Madliena)
6. Limiti ta' Selmun - (Tal-Braġ)
7. Limiti tax-Xemxija - (Tal-Kortin)
8. Limiti taż-Żurrieq (Tal-Ġibjun)

**GĦAWDEX**

9.Limiti tax-Xewkija - (Ta' Lambert)

ġew dikjarati biex ikunu Arei għall-Iżvilupp tal-Bini għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini;

U billi l-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura għamel dikjarazzjoni biex id-dikjarazzjoni fuq imsemmija tiġi revokata safejn tirrigwarda l-artijiet hawn taħt imsemmija murija fuq il-pjanti annessi mad-dikjarazzjoni ta' l-istess Ministru, li huma:

MALTA

l. Limiti ta' Ħad-Dingli - (Ix-Xagħra l-Kbira, tal-Veċċa)

2. Limiti ta' Ħal-GĦaxaq - (Tal-Wilġa)

3. Limiti tal-Kalkara - (Tal-Kapuċċini) ħlief għall-parti minn dik l-art murija bl-ittra X fuq il-pjanta annessa mad-dikjarazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura.

4. Limiti ta' l-Imġarr - (L-Iskorba)

5. Limiti ta' St Andrews - (Il-Madliena)

6. Limiti ta' Selmun - (Tal-Braġ)

7. Limiti tax-Xemxija - (Tal-Kortin)

8. Limiti taż-Żurrieq - (Tal-Ġibjun)

GĦAWDEX

9. Limiti tax-Xewkija - (Ta' Lambert)

GĦalhekk huwa b'dan riżolut illi:

Il-Kamra tad-Deputati tapprova d-dikjarazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura li biha d-dikjarazzjoni fuq imsemmija magħmula mill-Ministru tax-Xogħlijiet u Djar approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 258 tat-18 ta' Ġunju, 1985, tiġi revokata safejn tirrigwarda l-artijiet murija fuq il-pjanti annessi mad-dikjarazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilkupp ta' l-Infrastruttura, u li huma:

MALTA

1. Limiti ta' Ħad-Dingli - (Ix-Xagħra l-Kbira, Tal-Veċċa)

2. Limiti ta' Ħal-GĦaxaq - (Tal-Wilġa)

3. Limiti tal-Kalkara - (Tal-Kapuċċini) ħlief għall-parti minn dik l-art murija bl-ittra X fuq il-pjanta annessa mad-dikjarazzjoni magħmula mill-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura.

4. Limiti ta' l-Imġarr - (L-Iskorba)

5. Limiti ta' St Andrews - (Il-Madliena)

6. Limiti ta' Selmun - (Tal-Braġ)

7. Limiti tax-Xemxija - (Tal-Kortin)

8. Limiti taż-Żurrieq - (Tal-Ġibjun)

GĦAWDEX

9. Limiti tax-Xewkija - (Ta' Lambert).

02.03.1988